**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 128/2017**

**BB & QB ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.***

**(C26761) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-17 t'April 2019**

**L-Arbitru:**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jghidu li dejjem qaghdu fuq il-pariri ta' *Crystal Finance Investments Ltd.* peress li ma jifhmux fl-investimenti. L-ilmentatur jghid li kien jitkellem ma' persuna li tehdilhom hsieb l-investimenti u li kien jghidlu li l-interess tieghu u ta' martu kien li jkollhom dhul addizzjonali sabiex jghinhom mal-pensjoni li kienu jircievu.

Jilmenta li qatt ma talab li jsir investiment *high risk* b'imghax gholi izda f'investiment fejn id-dhul kien wiehed normali. Jghid li qatt ma kien ikun infurmat bl-andament tal-investimenti li kellu u kien jircievi l-imghax normali ghal numru ta' xhur.

Jghid li f'Awwissu 2013 gie infurmat li kellu xi investimenti li kienu sejrin tajjeb u setghu jinbieghu u jinxtraw ohrajn bi qligh ghall-ilmentaturi. Jishaq li hu dejjem qaghad fuq il-parir ta' min suppost jifhem u li tqabbad mill-kumpanija sabiex jehdilhom hsieb flushom.

Jghid li f'Novembru 2013, dan l-ufficjal li kien jehdilhom hsieb flushom, cemplilhom sabiex jaghtihom l-ahbar li investimenti li kien ghamlilhom f'Awwissu 2013, (kemm tal-ilmentaturi kif ukoll flus ta' binhom li kien ghadu kif

nehha minn ma' kumpanija oħra), kienu ser jintilfu għaliex il-kumpanija *Getgoods.de AG* falliet.

Dan kien xokk kbir għall-ilmentatur minħabba li qatt ma stenna li l-flus li kien faddal bl-għaraq ta' xbinu kienu ser jintilfu. Jgħid li kien talab immedjatament sabiex il-*file* tagħhom jitneħħa mill-*branch* tal-Mosta u ma jibqax taħt l-uffiċjal li kien imqabbad mill-kumpanija għaliex ħass li dan ma għamilx riċerka sew meta neħħihom minn investimenti li kienu qed irendu u tefagħhom ma' kumpaniji li fi ftit taż-żmien bdew il-proċeduri ta' falliment. Jgħid li llum huwa jifhem li n-nuqqas ta' esperjenza ta' dan l-uffiċjal inkarigat mill-investimenti tiegħu wasslet biex ma jinfurmax lill-ilmentaturi meta l-investimenti setgħu kienu sejrin ħażin. Għarrafhom biss meta kien tard li seta' jsir xi ħaġa.

L-ilmentatur jgħid li, eventwalment, minħabba li beda jinkwieta li ser jitilfu wkoll flus f'investimenti oħra, minkejja li kienu għaddewh ma' uffiċjal ieħor fil-*branch* tal-Belt, talab sabiex jingħalqu l-investimenti l-oħra li kellhom. Jgħid li kien ikollu laqgħat ma' Ms Stanmore fuq hekk u meta kienet iċċempillu kienet tagħtih aħbarijiet li ma kienu xejn sbieħ fuq l-investimenti.

L-ilmentatur jgħid li minbarra l-*Getgoods.de AG,* kellhom ukoll *MT-Energie GmbH* u *Norske Skogindustrier* mal-istess provditur tas-servizz li hawn ukoll ma ma kienx ħa ħsieb dawn l-investimenti li kellhom jagħlqu fl-2017. L-ilmentatur jgħid li kien impossibli li jneħħihom peress li l-valur kien niżel ħafna u ma kellhomx għażla għax jew taċċetta li jtuk jew inkella ma tieħu xejn.

L-ilmentatur jgħid li kien infurmat li l-valur tal-investiment seta' jitla' u seta' jinżel, però, jisħaq li lilu dejjem qalulu li dak li investew kienu ser jeħduhom meta jagħlaq fi żmienu. Jisħaq ukoll li qatt ma qalulu li l-flus seta' jitlifhom għaliex il-kumpaniji setgħu ifallu tant li l-istess provditur tas-servizz kien qallu li bħal dawn il-każi kien ilhom snin twal ma jkollhom. Jgħid li dejjem kien jaħseb – u dan juri kemm ma kienx jifhem – li meta l-investiment jgħidulek li jista' jitla' u jista' jinżel kien ifisser hekk u mhux li jfalli u titlef flusek.

L-ilmentatur jgħid li kagun tan-nuqqas ta' attenzjoni ta' *Crystal Finance Investments* fuq li sar investiment ħażin, hu u martu, li kellhom total ta' 47,000 *units* fl-investimenti, kienu qed jiġu mċaħħda mill-flus li kienu jiswew kif ukoll mill-imgħax li suppost daħħlu matul is-snin.

Ghaldaqstant qed jitolbu l-ammont ta’ flus li tilfu, madwar €50,000 u l-imghax dovut lilhom.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jissottometti:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-“**Arbitru**”) m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma’ u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreements* (annessi u mmarkati bhala ***‘Dok CFI1’***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi ‘*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,*’ u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f’dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta’ dan l-Ilment;

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta’ fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b’sensiela ta’ allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investitur Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta’ dan il-kaz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f’kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta’ diligenza mistennija fil-ligi, kif jista’,

jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur qieghed jibbaza l-Ilment tieghu fuq il-fatt illi allegatament ried investiment '*Ghax mill-bidu ghidtlu li l-ghan tal-investiment tieghi hu sabiex ikolli dhul addizzjonali ghal ma' pensjoni. Illum nifhem li n-nuqqas ta' esperjenza li l-ufficjal li kien inkarigat mill-investimenti tieghi wasslet li ma jinfurmanix meta l-investimenti setghu kienu sejrin hazin. Gharrafni meta kien tard li jsir xi haga. Dejjem kont nahseb u dan jurini kemm ma nifhimx li* ***meta l-investiment jghidulek li jista' jitla' u jista' jinzel kien ifisser hekk*** *u mhux li jfalli u titlef flusek.*'

   Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi kien hu li iddecieda illi jinvesti flusu, ghan-nom ta' martu ukoll, f'investimenti mas-Socjetà Esponenti minghajr ebda pressjoni da parti tas-Socjetà Esponenti, kif ukoll kien huwa li ried imghax gholi allavolja gie spjegat lilu li dan ifisser riskju oghla, is-Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijiet maghmula f'dan l-Ilment. Anzi ssostni li l-klijent kien ben infurmat dwar ir-riskju (kif qed jghid ukoll car huwa stess fl-ilment tieghu) li anke jista' jitlef il-kapital jew parti minnu, u dan mhux biss fehmu izda ffirma ghalih. Wara kollox l-investiment kien wiehed f'*bonds* semplici, adattat ghat-tip ta' investitur mhux professjonali, facli biex tifhimhom u facli biex wiehed jifhimhom u ma kien hemm ebda element ta' *mis-selling;*

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

   a) Illi d-dannu jew telf li garrab l-Ilmentatur, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom, jew ma seta' jkollhom, l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti, kif jidher car mill-komunikazzjonijiet ta' ***Getgoods.de AG; MT-Energie GmbH; Norske Skogindustrier ('Dok CFI2')*** li ntbaghtu lill-Ilmentatur. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrab l-attur huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, u kaz ukoll ta' frodi nterni

go wahda mill-kumpaniji li harget il-*bond.* Dan kollu riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju (u dan kif gie spjegat lill-Ilmentatur mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentatur, liema dokumenti huma stess kienu iffirmaw inkluz ir-*ratings* tal-*bonds*, vide '***Dok CFI3'***), u kif ukoll spegat lilhom fil-korrispondenza qabel dan l-Ilment), u liema *bonds* kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghalihom, u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet li bdiet fis-sena 2010, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment mhux skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u mhux konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ilmentatur stess;

b) L-Ilmentatur investa f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena elfejn u ghaxra (2010), u konvenjentement mhuwiex jikkunsidra l-investimenti li saru mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet mis-sena 2010. Kull tranzazzjoni fejn diversi drabi l-Ilmentatur inghata aktar minn ghazla wahda ta' fejn jinvesti flusu. Dejjem insista li jinvesti go *bonds* li jhallsu aktar minn 6% u jekk jista' jkun bi prezz anqas minn 100% sabiex jiggwadanja minn qligh kapitali, kif fil-fatt gara diversi drabi, izda fid-dinja tal-investimenti mhux dejjem huwa possibbli li tigi dejjem tajba specjalment meta wiehed qed jistenna ammont gholi ta' dhul li bilfors jirrikjedi element ta' riskju gholi li wiehed jifhem ukoll, specjalment, wara esperjenza ta' aktar minn ghoxrin tranzazzjoni fl-istess tip ta' *bond investments.* Huwa wisq facli u kontra kull principju ta' *portfolio theory* li investitur izomm ghalih il-qligh sostanzjali li ghamel tul iz-zmien mill-portafoll ta' investimenti u mbaghad jippretendi li *advisor*, f'dan il-kaz, is-Socjetà Esponenti, minkejja r-*risk warnings* li jkun ta lill-klijent bil-fomm u bil-miktub, jidhol jaghmel tajjeb ghal xi investiment partikolari li jmur hazin minkejja li dan jigri minhabba cirkostanzi li graw ferm wara li jkun inghata l-parir, cirkostanzi li ma kinux prevedibbli fil-mument li fih sar l-investiment.

c) Hija ukoll gidba u anke kontraditorju meta qed jinghad li '*infatti qatt ma kont inkun infurmat fuq kif sejjer l-andament fl-investimenti li kelli u kont nircievi l-imghax normali ghal numru ta' xhur.'* Hija tal-misthija li wiehed qed jallega dan meta intbaghtu *statements* regolari, darbtejn fis-sena u l-Ilmentatur attenda wkoll numru ta' laqghat mal-*financial*

*advisor,* bejn wiehed u iehor kull sitt xhur, dawn huma wkoll dokumentati b'dak li gie diskuss u anke ikkonfermati u ffirmati minghand l-Ilmentatur. Ta' min isemmi wkoll illi diversi drabi inghata l-parir lill-Ilmentatur jinvesti go *"funds"* li ghalkemm jinvestu xorta go *bonds,* hemm firxa akbar. Però, dan ma kienx accettat min-naha tal-atturi u dejjem ghazlu li jinvestu go *bonds* diretti, b'imghax gholi u kienu dejjem jippreferu jekk jista' jkun, li l-prezz ikun f'livelli ta' inqas minn 100% sabiex jaghmlu gwadann minn fuq dan ukoll. Dan kien it-tip ta' investiment li huma dejjem gharfu bhala l-aktar attraenti u accettaw li dan igorr riskju akbar. Darba biss hadu l-parir li jifirxu go *funds*, il-bqija dejjem b'entuzjazmu investew go *bonds* diretti b'imghax gholi li jaqbez is-6% u mhux kif qed jghidu fl-ilment kienu ifittxu '*imghax normali'* (imghax normali qed insemmu anqas minn 2-3% kif kienu qed joffru l-banek fl-istess perjodu).

d) Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

e) Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha, skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID* (*The Markets in Financial Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor. Dan oltre li l-ligi dwar is-servizz tal-investiment u l-*MiFID*, kif ukoll it-*Terms of Business* bejn il-klijent u *Crystal* kollha jipprovdu li l-obbligi ta' *Crystal* kien li jaghtu parir gust u professjonali a bazi ta' informazzjoni disponibbli fil-hin li jsir l-investiment. Jekk wara c-cirkostanzi jinbidlu b'mod imprevedibbli u dan iwassal ghal waqgha fil-prezz tal-*bond*, dan huwa riskju li jrid igorru l-investitur bhalma l-investitur igawdi mill-qligh fuq investimenti li jmorru tajjeb.

f) Jekk jigi accettat ragunar li klijent igawdi l-qligh fejn l-investimenti jmorru tajjeb, izda fejn imorru hazin il-provditur tas-servizz irid jaghmel tajjeb in parti jew fl-intier, allura dan ifisser theddida ghas-sostenibbilità tal-industrija tal-investimenti f'Malta ghax l-industrija

ma tistax tippartecipa f'loghba li wicc jirbah il-klijent u rgejjen titlef l-industrija. Fil-fatt, meta wiehed iqis il-qligh li l-klijent kellu minn investimenti ma' *Crystal* ma jirrizultax li l-klijent ghamel telf izda, fil-fatt, ghamel qligh. Fil-fatt, l-imghaxijiet li thallsu tul ir-relazzjoni jaqbzu d-disgha u erbghin elf Ewro (€49,749). B'kollox, jekk wiehed jiehu stampa tat-telf u qligh kapitali u dhul, jirrizulta telf nett ta' aktar minn erbgha u tletin elf Ewro (€34,594). Kif l-Ilmentatur qed jasal ghall-figura ta' kumpens ta' hamsin elf Ewro (€50,000) ma huwiex car u, ghalhekk, michud mis-Socjetà Esponenti.

L-obbligi ta' *Crystal* skont il-ligi u skont il-ftehim mal-klijent tat-*Terms of Business* huwa li tibghat *statement* kull sena b'valutazzjoni korretta u li tinforma lill-klijent dwar xi *default* jew *corporate actions* li jista' jkun hemm fuq il-*bond* investit. Dan l-obbligu s-Socjetà Esponenti wettqitu skrupolozament. Jizdied jinghad ukoll li mal-i*statements* ta' Dicembru 2014, is-Socjetà baghtet cirkolari lill-klijenti kollha, inkluz l-Ilmentatur, biex tfakkarhom li *Crystal* ma kienet tiggarantixxi l-ebda investiment u tfakkar l-importanza li l-klijent jezamina sew l-i*statements* u l-valutazzjoni tal-investiment biex jizgura li jekk ikun hemm caqliq fil-prezz dan jibqa' accettabbli ghar-riskji li klijent ikun lest jaccetta. Il-klijenti gew ukoll imhegga biex jiddiskutu l-andament tal-*portfolio* mal-*client advisor* taghhom jekk ihossu htiega u dan bla ebda spejjez.

8. Illi fl-ahhar nett, jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mill-Ilmentatur peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-gurisdizzjoni tal-Arbitru. Il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni a bazi tal-Klawsola 17 tad-dokument Dok CFI 1,[1] ipprezentat mill-provditur tas-servizz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal- Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-Klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd*.deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi"

*'L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandi jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

*'Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kienetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of jurisdiction clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi. Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-*

[1] *A fol.* 36 *et seq*

*partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap.555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix …'*

Il-Qorti ikkonkludiet:

'*Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih'.*

Dan kollu gie ribadit f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik ricenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd*. tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu dawn il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell u ghar-ragunijiet moghtija qed jichad din l-eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni dwar nullità *o meno* tal-ilment hija wahda fiergha peress li kif deciz mill-Arbitru f'diversi decizjonijiet li kien involut fihom l-istess provditur tas-servizz, l-Arbitru mhuwiex marbut bil-Kodici tal-Procedura Civili hlief ghal referenzi specifici li jsemmihom il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-procedura tal-Arbitru hija regolata bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma tikkontempla l-ebda nullità, anzi tinsisti li l-proceduri quddiem l-Arbitru huma informali u l-Arbitru jrid jiddeciedi skont il-mertu tal-kaz.

Mhux minnu li l-provditur tas-servizz gie b'xi mod pregudikat mill-mod kif inkiteb l-ilment tant li ghamel risposta estensiva. L-ilment kif miktub huwa konformi mal-htigijiet tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta senjalatament l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ma jikkontempla l-ebda nullità u, ghalhekk, in-nullità la jistghu joholquha l-partijiet u lanqas l-Arbitru galadarba mhix kontemplata mil-ligi. Ghalhekk l-ilment m'hemm xejn null fih.

Barra minn hekk, l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell[2] f'kaz iehor kontra l-istess provditur tas-servizz fejn din il-Qorti qablet mal-Arbitru li din l-eccezzjoni hija fiergha.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[3]**

L-ilment imressaq mill-ilmentaturi jittratta telf li huma garrbu minn tliet investimenti - *Getgoods.de AG*, *MT-Energie GmbH*, u *Norske Skogindustrier*, li huma kellhom mal-*Crystal Finance Investments Limited* ('il-provditur tas-servizz').

L-ilmentaturi sahqu li l-ghan taghhom wara l-investimenti mal-provditur tas-servizz kien li jkollhom imghax sabiex jghinhom mal-pensjoni li huma kienu jircievu, u ghal dan dejjem qaghdu fuq il-pariri tal-istess provditur ghaliex huma ma kinux jifhmu fl-investimenti. Huma jghidu li qatt ma talbu li jsir xi investiment *high risk* b'imghax gholi, izda dejjem riedu investiment bi dhul normali, kif fil-fatt ircevew ghal numru ta' xhur.

Minkejja li sahqu li qatt ma kienu jkunu infurmati kif sejjer l-andament fl-investimenti taghhom, f'Awwissu 2013 gew infurmati li kellhom xi investimenti li kienu sejrin tajjeb u jistghu jinbieghu u jinxtraw ohrajn bi qligh ghalihom. Izda, sussegwentement, f'Novembru 2013, regghu gew ikkuntattjati mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz sabiex jinfurmahom li dan l-istess investiment, jigifieri dak li huma ghamlu f'Awwissu 2013, kienu ser jintilfu peress li l-kumpanija *Getgoods.de AG* kienet falliet.

Huma stqarrew li dan kien xokk ghalihom u, ghalhekk, immedjatament talbu l-*head office* sabiex ma jibqghux mal-istess rapprezentant ghax hassew li dan m'ghamilx ir-ricerka necessarja meta nehhihom minn investimenti li kienu qed irendu tajjeb u, eventwalment, tefaghhom f'kumpanija li fi ftit taz-zmien bdiet il-proceduri ta' falliment. Minkejja li huma bdew jaghmlu kuntatt ma' rapprezentant iehor tal-provditur tas-servizz, xorta baqghu inkwetati li ser jitilfu

---

[2] ***Carmel Bartolo et Vs Crystal Finance Investments Ltd.* tal-5 ta' Novembru 2018**

[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

l-flus kollha f'investimenti ohra li huma kellhom u, ghalhekk, talbu sabiex jinbdew jinghalqu l-investimenti l-ohrajn li huma kellhom.

Apparti l-investiment fil-*Getgoods*, l-ilmentaturi kellhom ukoll zewg investimenti ohra li l-provditur tas-servizz ma hax hsieb, tant li ukoll tilfu l-flus li huma tefghu fihom. Dawn kienu l-*MT-Energie GmbH* u *Norske Skogindustrier*, liema investimenti kellhom suppost jaghlqu fis-sena 2017, li izda kien impossibbli li jnehhuhom minhabba li l-valur nizel hafna.

L-ilmentaturi sahqu li ghalkemm kienu infurmati li l-valur tal-investiment jista' jitla' kif ukoll jinzel, dejjem intqal lilhom li meta jaghlaq l-investiment fi zmienu, huma xorta jiehdu l-flus li jkunu originarjament investew. Huma tennew ukoll li qatt ma gew infurmati li l-flus jistghu jintilfu ghax il-kumpaniji jistghu ifallu, u ghaldaqstant, kawza tan-nuqqas ta' attenzjoni mill-provditur tas-servizz li wassal ghal investiment li sar hazin, l-ilmentaturi tilfu l-flus.

Barra minn hekk, l-ilmentaturi indikaw li n-nuqqas ta' esperjenza tar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz wasslet li ma gewx infurmati meta l-investimenti kienu sejrin hazin u gew, eventwalment, mgharrfa dwar dan meta kien tard li jista' jsir xi haga.

Ghaldaqstant, l-ilmentaturi qed jitolbu li jinghataw lura s-somma ta' madwar €50,000 li huma tilfu.

**Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid** li kien l-ilmentatur li ddecieda li jinvesti flusu, ghan-nom ta' martu ukoll, f'investimenti mal-istess provditur minghajr ebda pressjoni filwaqt li kienu huma li riedu imghax gholi avolja gie spjegat lilhom li dan ifisser riskju oghla.

Il-provditur tas-servizz sostna ukoll li l-ilmentaturi kienu infurmati tajjeb dwar ir-riskju li anke jista' jitilfu l-kapital jew parti minnu, filwaqt li sostna li ma kien hemm l-ebda element ta' *mis-selling*.

Il-provditur tas-servizz qed jichad l-ilment imressaq a bazi tal-fatt li d-dannu jew telf li garrbu l-ilmentaturi, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkustanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom il-provditur ma kellu l-ebda kontroll kif jidher car mill-komunikazzjonijiet ta' *Getgoods.de*, *MT-Energie GmbH,* u *Norske Skogindustrier* li ntbaghtu lill-ilmentaturi, u, ghalhekk, huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju.

Barra minn hekk, kien ukoll kaz ta' frodi interni go wahda mill-kumpaniji li harget il-*bond.* Il-provditur tas-servizz indika ukoll li fil-hin meta nghata l-parir, il-*bonds* kienu jghoddu jew *suitable* ghall-ilmentaturi.

Il-provditur tas-servizz sahaq li l-ilmentaturi kienu ilhom jinvestu f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena 2010 u, konvenjentament, m'humiex jikkunsidraw l-investimenti li saru mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Tenna ukoll li l-ilmentatur dejjem insista li jinvesti go *bonds* li jhallsu aktar minn 6%, u jekk jista' jkun bi prezz anqas minn 100% sabiex jiggwadanja minn qligh kapitali, kif fil-fatt gara diversi drabi.

Il-provditur tas-servizz indika ukoll li hija gidba u anke kontradizzjoni meta qed jinghad li l-ilmentaturi ma kinux ikunu infurmati fuq kif sejjer l-andament tal-investimenti li huma kellhom, u dan minhabba li ntbaghtu *statements* regolari darbtejn fis-sena u l-ilmentatur kien ukoll attenda ghal numru ta' laqghat mal-*financial advisor*, bejn wiehed u iehor kull sitt xhur, liema laqghat huma ukoll dokumentati b'dak li gie diskuss.

Intqal ukoll li diversi drabi nghata parir lill-ilmentatur sabiex jinvesti go *funds* li, ghalkemm jinvesti xorta go *bonds*, hemm firxa ikbar, izda dan il-parir ma kienx accettat min-naha tal-ilmentaturi, u dejjem ghazlu li jinvestu go *bonds* diretti, b'imghax gholi u kienu dejjem jippreferu li jekk jista' jkun il-prezz ikun f'livell inqas minn 100% sabiex jaghmlu gwadann minn fuq dan ukoll. Fil-fatt, il-parir li jifirxu go *funds* haduh darba biss, u l-bqija dejjem b'entuzjazmu investew go *bonds* diretti b'imghax gholi li jaqbez is-6%, u mhux kif qed jghidu fl-ilment li kienu qed ifittxu imghax normali.

Il-provditur tas-servizz tenna ukoll li ma tezisti u lanqas ma nghatat l-ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura. Fuq kollox, il-provditur tas-servizz indika li meta wiehed iqis il-qligh li l-ilmentaturi ghamlu mill-investimenti, ma jirrizultax li sar telf izda l-ilmentaturi fil-fatt ghamlu qligh, fejn jekk tittiehed stampa tat-telf u qligh kapitali u dhul jirrizulta profitt nett ta' aktar minn erbgha u tletin elf ewro (€34,594).

Fl-ahhar nett, il-provditur tas-servizz qal li kif l-ilmentaturi qed jaslu ghall-figura ta' kumpens ta' hamsin elf ewro (€50,000) m'huwiex car u, ghalhekk, michud.

## Analizi u Konsiderazzjonijiet Ohra

### *Ir-Relazzjoni tal-Ilmentaturi mal-Provditur tas-Servizz*

Ir-relazzjoni tal-ilmentaturi mal-provditur tas-servizz tmur lura ghas-sena 2010 meta l-ilmentatur, li kien jiehu hsieb l-investimenti tieghu u ta' martu, zar il-fergha tal-provditur tas-servizz sabiex jinvesti.

Gie komplut *Confidential Client Fact Find for the Suitability Test*[4] datat 23 ta' Novembru 2010, li jindika li l-ilmentaturi gew ikklassifikati bhala *Retail Clients* filwaqt li s-servizz moghti lilhom kien dak ta' *Investment Advice.*

Minn dan il-*Client Fact Find* jirrizulta li l-ghan tal-investiment tal-ilmentaturi kien sabiex izidu d-dhul taghhom u jkabbru l-kapital. L-attitudni ta' riskju taghhom giet ikklassifikata *Medium/High.*

Mis-sena 2010, l-ilmentaturi investew f'diversi *bonds* diretti, *UBS funds,* u anke *bond portfolios* ikkreati mill-provditur tas-servizz, bl-ammonti investiti jkunu sostanzjali. Fil-maggor parti taghhom, l-ilmentaturi dejjem lahqu l-ghan tal-investiment taghhom, ghaliex apparti l-imghaxijiet, huma kwazi dejjem ghamlu qligh kapitali, u gieli anke f'perjodu relattivament qasir.

### *L-Investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-Ilment*

L-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment huma *7% Global Notes: Norske Skogindustrier ASA: 2007 – 26.6.17*; *7.75% Getgoods.de AG: 2012 – 2.10.17*; u *8.75% MT-Energie GmbH: 2012 – 4.4.17*, tliet *bonds* diretti fuq il-portafoll tal-ilmentaturi.

### ***<u>7% Global Notes: Norske Skogindustrier ASA: 2007 – 26.6.17</u>***

L-investiment fin-Norske gie mibjugh lill-ilmentaturi permezz ta' zewg tranzazzjonijiet – l-ewwel tranzazzjoni sehhet fis-sena 2010, meta l-ilmentaturi bdew ir-relazzjoni taghhom mal-provditur tas-servizz, u t-tieni tranzazzjoni fis-sena 2015. L-ammont totali investit kien ta' €22,529.30[5] ekwivalenti ghal 31,000 *unit*.

[4] *A fol.* 114

[5] Qed jigik kwotat il-*Purchase Value* skont il-*Gain/Loss Analysis* ipprezentata.

***L-Ewwel Tranzazzjoni – Novembru 2010***

Meta n-*Norske* gie mibjugh lill-ilmentaturi ghall-ewwel darba, dan inbiegh ma' diversi investiment ohrajn, fosthom *UBS funds*, *direct bonds* ohra, u anke *bond portfolio*. Din kienet l-ewwel darba li l-ilmentaturi ghamlu investimenti mal-provditur tas-servizz. Kumplessivament, dak iz-zmien l-ilmentaturi investew is-somma ta' kwazi mitt elf ewro.[6] Is-somma investita fin-*Norske* kienet ta' madwar €20,000 filwaqt li l-prezz li bih inxtara kien ta' €0.78.

Ir-rapprezentant tal-provditur qal li:

*'Is-Sur BB kien jinsisti jixtri bonds ta' kupun ta' aktar minn 6% p.a. bi prezz taht il-mija biex b'hekk apparti l-imghax gholi jittanta jikseb ukoll qligh kapitali. Jekk kont nipproponi investiment b'redditu izghar kien jghidli biex insiblu investimenti b'imghax oghla. Din kienet il-linja gwida li kien tani il-klijent bi ftit eccezzjonijiet u baqa' juzaha sa meta falla l-ewwel bond.'*[7]

Ir-rapprezentant tal-provditur ikompli jispjega:

*'Fit-tieni laqgha mas-Sur BB pprezentajtlu proposta ta' investiment u fhemt lill-klijent ir-riskju relatat ma' kull investiment. Iltqajt mas-Sur BB kemm-il darba qabel ma ddecieda li jibda jinvesti maghna u b'hekk kelli opportunità tajba biex nifhem ir-risk profile tal-klijent u anke biex infehmu sewwa ir-riskji involuti f'kull investiment.'*[8]

Jidher car li l-provditur tas-servizz mexa max-xewqat tal-ilmentaturi, dan meta n-*Norske* kien joffri imghax ta' aktar minn 6% u l-prezz li bih inxtara kien dak *below par*. Fuq kollox, dan huwa *in linea* ma' dak dokumentat fil-*Client Fact Find* minhabba li kien investiment kategorizzat *Medium/High*, bil-profil tar-riskju tal-ilmentaturi jkun ukoll *Medium/High*.

Ghaldaqstant, ma jistax jinghad li dak iz-zmien, in-*Norske* ma kienx addattat ghall-ilmentaturi. Dan meta kien partikolarment offrut ma' firxa ta' investimenti ohra.

---

[6] *A fol.* 120
[7] *A fol.* 106
[8] *Ibid.*

Barra minn hekk, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz stqarr li hu u l-ilmentatur, peress li kien hu li jiehu hsieb l-investimenti li kienu qed isiru f'ismu u f'isem martu, kienu ltaqghu kemm-il darba qabel saru l-ewwel investimenti mal-istess provditur. Skont dak li ntqal mir-rapprezentant, jidher li l-ilmentatur lanqas kien kuntent b'dak li kien gie offrut lilu originarjament.

*'Mill-proposta originali tieghi is-Sur BB pprefera li jinvesti porzjon ikbar mis-somma f'pozizzjonijiet ta' bonds diretti u ma riedx li jinvesti wisq fuq fondi minkejja li kont enfasizzajt li l-bonds diretti b'rendiment gholi kellhom riskji ferm oghla minn dawn tal-ahhar.'*[9]

Il-fatt li l-ilmentatur m'accettax dak li gie offrut lilu mir-rapprezentant tal-provditur l-ewwel darba, huwa evidenza cara li hu kien qed jaghmel il-verifiki jew dak li hu hass li kien mehtieg b'referenza ghal dak offrut lilu, u, ghalhekk, kieku dak iz-zmien hass li n-*Norske* ma kienx tajjeb ghac-cirkostanzi tieghu, kien ikun hu stess, li jaghzel li ma jaccettax jew ma joqghodx, ghal darb'ohra, fuq il-parir moghti lilu mir-rapprezentant.

Ghalhekk, f'dan il-kaz jidher car li dan l-ilment qed jitressaq biss ghaliex kien hemm telf ta' flus u mhux ghaliex kien hemm xi nuqqas min-naha tal-provditur tas-servizz li ghamillu l-investiment *in linea* mal-profil u l-attitudni tar-riskju tieghu.

Izda, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tat-tieni tranzazzjoni.

### *It-Tieni Tranzazzjoni – Jannar 2015*

It-tieni tranzazzjoni sehhet f'Jannar 2015, wara li l-andament tan-*9.875% Notes: Takko Luxemborg 2 S.C.A: 2013 – 15.4.19*, *bond* diretta li l-ilmentaturi kellhom fil-portafoll taghhom, ma kienx wiehed pozittiv.

Ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz, li kienet qed tassisti lill-ilmentaturi dak iz-zmien, qalet:

*'Wara li bighejna lit-Takko, offrejtlu li jinvesti f'bond ohra – Norske li kellha l-prezz ftit aktar minn 60 u kienet ghadha kemm ghamlet ristrutturar fil-*

[9] *Ibid.*

*kumpanija. Spjegajtlu r-riskji kollha li kien qed jiehu b'dawn il-flus, imma bit-tama li meta taghlaq il-bond fi zmien sentejn jigbor parti mit-telf li ghamel fuq il-bond Takko.'*[10]

Primarjament, din hija konferma mill-istess rapprezentanta li kienet hi li f'Jannar 2015 offriet lill-ilmentatur sabiex jerga' jinvesti f'din il-*bond*.

F'dak il-perjodu, in-*Norske* kellha *credit rating* ta' CCC, u kif anke hu dokumentat fil-*Client Review Form,*[11] in-*Norske* kienet ghaddejja minn process ta' ristrutturar. Fil-fatt, il-prezz tal-*bond,* li skont ir-rapprezentanta kien ftit aktar minn 60, flimkien mal-*credit rating*, juri bic-car il-qaghda mwieghra li kienet fiha l-kumpanija li qed tohrog din il-*bond.*

Il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jagixxi *'honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients',*[12] liema obbligu johrog mill-i*Standard Licence Conditions*. Izda, il-provditur naqas milli jaghmel dan. Li tigi rrakkomandata *bond* spekulattiva li f'dak il-mument kellha *credit rating* ta' CCC hija indikazzjoni ta' riskju sostanzjali u zgur li mhuwiex fl-ahjar interess tal-ilmentaturi.

Il-provditur tas-servizz kellu d-dmir li jezercita attenzjoni partikolari meta jirrakkomanda alternattiva lill-ilmentaturi sabiex jirkupraw it-telf sostnut mill-*bond Takko* u mhux jissuggerixxi din l-azzjoni li **jerga' jinvesti** fin-*Norske* sabiex jirkupraw dan it-telf meta kienu digà investiti fih u, ghalhekk, ir-riskju ma giex mifrux.

Ghalkemm ir-rapprezentanta tal-provditur kellha l-obbligu li tagixxi fl-ahjar interess tal-klijent, dan ma kienx il-kaz meta n-*Norske* rega' gie mibjugh lill-ilmentaturi f'Jannar 2015 u, ghaldaqstant, din it-tieni tranzazzjoni ma kellha qatt issehh.

### Il-*Getgoods* u l-*MT-Energie*

Il-*Getgoods* u l-*MT-Energie* gew mibjugha lill-ilmentaturi f'Awwissu 2013, bl-ammont investit ikun ir-rikavat minn *bond* ohra, *7.375% Notes: LBG Capital No. 1 PLC: 2009 – 12.3.20* li huma kellhom. Dak iz-zmien, dawn iz-zewg *bonds*, li t-

[10] *A fol.* 111
[11] *A fol.* 146
[12] ISR – SLC 2.01

tnejn li huma inxtraw bi prezz inqas minn dak *par,* kellhom *credit rating* ta' BBB-[13] filwaqt li l-*Product Risk Profile* gie kkategorizzat bhala *Medium/High.*[14]

Irrizulta li, minn din il-*bond* tal-ahhar, li r-rikavat minnha kien gie investit f'dawn iz-zewg *bonds* ilmentati, l-ilmentaturi kienu ghamlu qligh kapitali ta' aktar minn elf ewro f'inqas minn sena.

Jekk tinghata harsa lejn dawn il-*bonds* ilmentati meta kkomparati mal-*bond* precedenti, jigifieri l-*LBG Capital*, ma jistax jinghad li dawn il-*bonds* kellhom karatteristici, partikolarment, dawk relatati ma' riskju, li kienu daqstant differenti minn dik tal-ahhar.

Minkejja li l-kupun tal-*bonds* ilmentati kien ftit oghla, il-*credit rating* tal-*LBG Capital* kien BB,[15] jigifieri fit-territorju spekulattiv u, ghalhekk, aktar dghajjef minn tal-*Getgoods* u l-*MT-Energie*. Dan minghajr ma wiehed isemmi l-fatt ukoll li fil-kaz tal-*LBG Capital*, il-*product risk profile*, kien ukoll dak ta' *Medium/High*.

Barra minn hekk, tajjeb li jinghad ukoll li r-rikavat mill-*LBG Capital* gie investit f'zewg *bonds* differenti u, ghaldaqstant, sar investiment aktar diversifikat. Dan minhabba li dak l-ammont li kien investit f'*bond* wahda, u li minnu l-ilmentaturi ghamlu qligh kapitali f'inqas minn sena, rega' gie investit f'zewg *bonds* separati u, ghalhekk, ir-riskju li ghalih l-ilmentaturi kienu esposti kien ukoll aktar mifrux.

Bhal *LBG Capital*, kien hemm drabi ohra fejn l-ilmentaturi kellhom *bonds* diretti li kumplessivament kienu aktar riskjuzi minn dawn iz-zewg *bonds* ilmentati. Id-diversi investimenti li gew mibjugha lill-ilmentaturi lejn l-ahhar tal-2012 u tul l-2013 qabel l-investiment fil-*Getgoods* u l-*MT-Energie*, kienu kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva.

Kien hemm anke *bonds* li kellhom l-aktar *credit rating* dghajjef taht il-kategorija *non-investment grade*. Minkejja li qabel l-investimenti ilmentati, l-ilmentaturi kellhom *bonds* b'kupun inqas, dan ma jxejjinx il-fatt li l-*bonds* ma kinux xorta wahda b'riskju elevat, ghax certament li *bond* b'kupun ta', perezempju, 6.875%, ma tistax titqies li ghandha riskju baxx.

---

[13] *A fol*. 144
[14] *Ibid*.
[15] *A fol*. 139

Barra minn hekk, il-maggoranza tal-investimenti li l-ilmentaturi kellhom kienu kollha f'*bonds* diretti li jistghu jitqiesu aktar riskjuzi minn, perezempju, bil-limitazzjonijiet kollha tieghu, *bond portfolio*. L-ghan tal-ilmentaturi kien car – investiment b'imghax oghla minn 6% filwaqt li jinxtraw *below par* ghal gwadann kapitali. Jirrizulta bic-car li l-ilmentaturi baqghu juzaw l-istess strategija ta' investiment sa ma garrbu l-ewwel telf li, eventwalment, wassalhom biex iressqu dan l-ilment.

Il-maggor parti tal-*bonds* li l-ilmentaturi kellhom iffurmaw portafoll li zgur ma kienx *low risk*, fejn anke jista' jinghad li kienu *in linea* mal-mod kif l-attitudni tar-riskju tal-ilmentaturi giet ikklassifikata a bazi tal-kontenut tal-*Client Fact Find*, li hi dik ta' *Medium/High*. Fi ftit kliem, l-ilmentaturi kellhom *bonds* ta' riskju elevat fil-portafoll taghhom.

Ghaldaqstant, ma jistax jinghad li l-*Getgoods* u l-*MT-Energie* ma kinux *suitable* ghalihom.

**Konkluzjoni**

Fl-ilment originali taghhom, l-ilmentaturi indikaw li huma ma kinux jifhmu fl-investimenti u l-interess taghhom kien li jkollhom imghax sabiex jghinhom mal-pensjoni li kienu jircievu. Indikaw ukoll li huma dejjem riedu investiment bi dhul normali u, fil-fatt, ircevew l-imghax normali ghal numru ta' xhur.

L-ilment taghhom kien, fost ohrajn, iffokat fuq il-fatt li investiment li huma kellhom kien sejjer tajjeb u seta' jinbiegh u, eventwalment, jinxtraw ohrajn bi qligh ghalihom. Dan b'referenza ghall-investimenti li, mbaghad, saru fil-*Getgoods* u l-*MT-Energie*.

B'referenza ghal dawn il-*bonds* l-ilmentatur indika, forst ohrajn, li:

*'Jien nghid li l-kumpaniji li minnhom ingibdu l-flus biex jinvestuhom f'dawn il-prodotti kont kuntent bihom. Ma kellix ghalfejn nibdilhom. Naqbel li fil-mument li kien sar il-bdil minn prodott ghall-iehor jien kont naqbel, imma ma kontx naf li se jigu investiti f'kumpaniji li ftit wara jfallu.'*[16]

[16] *A fol.* 98

Kien l-ilmentatur innfisu li kkonferma li ma kinitx it-tranzazzjoni mil-*LBG Capital* ghall-*Getgoods* u l-*MT-Energie* l-unika wahda li sehhet sabiex jigi rrealizzat il-qligh kapitali.

Apparti l-imghaxijiet, l-ghan tal-ilmentaturi kien il-qligh kapitali. Il-*Gain/Loss Analysis*[17] turi bic-car li l-maggor parti tal-investimenti li l-ilmentaturi kellhom, ma nzammux sad-data tal-maturità, filwaqt li apparti l-kupuni ricevuti, l-ilmentaturi ghamlu ukoll qligh kapitali.

Ghaldaqstant, fil-bejgh tal-*LBG Capital* u l-investiment tar-rikavat fil-*Getgoods* u l-*MT-Energie*, li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, ma jirrizulta li sar xejn hazin min-naha tal-provditur tas-servizz. Dan, partikolarment, meta dawn il-*bonds* tal-ahhar kienu inqas riskjuzi mill-*bond* precedenti filwaqt li investimenti ohrajn li huma kellhom kienu aktar riskjuzi mill-*Getgoods* u l-*MT-Energie*. Ghalhekk, ma jistax jinghad li dawn iz-zewg *bonds* ma kinux addattati ghalihom.

Fuq kollox, l-investimenti li saru tul ir-relazzjoni tal-ilmentaturi mal-provditur tas-servizz mhumiex investimenti ta' persuna kawta li ma kienet lesta tidhol ghall-ebda riskju u riedet biss izzid id-dhul mal-pensjoni.

Fil-kaz tan-*Norske*, tajjeb li jinghad li l-ilmentaturi naqsu milli jindikaw ir-ragunijiet ghalfejn l-investiment fin-*Norske* ma kellux jinbiegh lilhom, partikolarment, fil-kaz tal-ewwel tranzazzjoni li sehhet fl-2010.

Fir-rigward ta' din it-tranzazzjoni, kif digà ntqal, huwa evidenti li l-provditur tas-servizz mexa max-xewqat tal-ilmentaturi meta offrielhom in-*Norske* flimkien ma' investimenti ohra.

Dan ghaliex in-*Norske* kien joffri imghax ta' aktar minn 6% u l-prezz li bih inxtara kien dak *below par*. Ir-riskju tal-*bond* kien ukoll ikklassifikat bhala *Medium/High*, dan *in linea* mal-mod kif l-ilmentaturi gew ikkategorizzati fil-*Client Fact Find.*[18]

Barra minn hekk, tul iz-zmien li l-ilmentaturi damu investiti fin-*Norske*, lahqu ukoll l-ghan tal-investiment taghhom ghax ircevew il-kupuni. Fuq kollox, l-ilmentatur kien konxju tat-tranzazzjonijiet li kienu ser isehhu dak iz-zmien peress

[17] *A fol.* 112
[18] *A fol.* 114

li hu kien iltaqa' diversi drabi u ddiskuta l-istess tranzazzjonijiet mar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

Mill-banda l-ohra, certament li t-tieni tranzazzjoni fin-*Norske*, dik ta' Jannar 2015, ma kellhiex issehh. Irrispettivament mill-gharfien u l-esperjenza tal-ilmentaturi, huwa inaccettabbli li l-provditur tas-servizz jispekula b'mod li tigi mibjugha *bond* bi *credit rating* ta' CCC, u li kienet ghaddejja minn ristrutturar sabiex jigi irkuprat telf li l-istess ilmentaturi kienu garrbu minn *bonds* ohra li huma kellhom. Dan meta ukoll, minhabba li l-ilmentaturi kienu digà investiti fin-*Norske*, b'somma li mhix zghira, ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz ghazlet li zzid ir-riskju li l-ilmentaturi kienu digà esposti ghalih.

Ghaldaqstant, minhabba li gie konkluz li din it-tieni tranzazzjoni fin-*Norske* ma kellha qatt issehh, dan l-ilment huwa parzjalment milqugh.

**Ghal dawn ir-ragunijiet in kwantu l-ilment dwar l-ewwel tranzazzjoni fin-*Norske* u l-investiment fil-*Getgoods* u l-*MT-Energie* qed jigi michud filwaqt li dwar it-tieni tranzazzjoni fin-*Norske*, l-Arbitru jiddeciedi li ma kienx gust, ekwu u ragonevoli li dan isir u, ghalhekk, ser jaghti kumpens lill-ilmentaturi kif gej.**

**Kumpens**

A bazi tal-*Confirmation of Purchase*[19] ipprezentata f'Jannar 2015, l-ammont mahrug mill-ilmentaturi ghall-investiment fin-*Norske* kien dak ta' €4,757.93, ekwivalenti ghal 7,000 *unit*.

F'Nota ta' Kjarifika,[20] il-provditur tas-servizz indika li minn dan l-ammont, thallas kupun ta' 7% fuq is-7,000 *unit* investiti fit-tieni tranzazzjoni (dik tal-2015) darba biss, li kien jammonta ghal €490.

**Ghaldaqstant, mill-ammont ta' €4,757.93 ghandu jigi mnaqqas il-kupun ta' €490 u, ghalhekk, l-ilmentaturi huma intitolati ghal kumpens ta' <u>€4,267.93</u>.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *Crystal Finance Investments Limited* thallas lill-**

---

[19] *A fol.* 24
[20] *A fol.* 167

**ilmentaturi s-somma ta' erbat elef, mitejn u sebgha u sittin ewro u tlieta u disghin centezmu (€4,267.93).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Peress li l-Arbitru cahad diversi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz u laqa' parti mill-ilment, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**